**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

**Każ Nru:** K/079

**Allegazzjoni:** Użu ta' fondi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali

**Ilmentatur:** L-Onorevoli Dr Karol Aquilina

**Data tal-Ilment:** 18 ta' Mejju 2025

**Data ta' Dan ir-Rapport:** 6 ta' Lulju 2026

**L-Ilment**

1. Fit-18 ta' Mejju 2025, l-Onor. Dr Karol Aquilina (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jilmenta dwar riklam tal-gvern li deher fil-ġurnal *MaltaToday* intitolat "*The Backbone of Our Communities*". L-Ilmentatur qal li l-artiklu jinkludi ritratti tal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Gvern Lokali, u allega li dan jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

2. L-Ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

3. Ir-riklam deher fil-gazzetta *MaltaToday* fis-27 t'April 2025 bħala artiklu mħallas (kif jidher fil-qiegħ tal-paġna indikat bil-kliem *"this is a paid collaboration"*). L-artiklu jidher f'paġna sħiħa tal-gazzetta u jinkludi ritratt li fih iktar minn terz tal-paġna, sitt paragrafi, u ritratt ieħor. Il-fatt li l-artiklu huwa indikat bħala mħallas ifisser li jammonta għal riklam.

4. Sad-data ta' dan ir-rapport issejħet u saret Elezzjoni Ġenerali, u l-Onorevoli Zerafa Civelli ġiet eletta. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, kwalunkwe riferenzi għaliha bħala "is-Segretarju Parlamentari" huma fil-kuntest tal-ilment u mhumiex riferenzi għall-kariga li għandha llum il-ġurnata.

## Il-Kuntest

5. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar riklam tal-gvern li deher f'diversi gazzetti. Ir-rapport ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.[1] Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

6. Il-membri tal-Kumitat ivvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala president tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena għaliex deherlu li kien hemm bżonn linji gwida li jistabbilixxu kriterji ċari dwar kif għandhom isiru r-riklami.[2] B'hekk ir-rapport ma ġiex adottat mill-Kumitat.

7. B'riżultat ta' dan, fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika dokument intitolat *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dan id-dokument jgħid li l-linji gwida miġbura fih ma jirrappreżentawx regoli ġodda, iżda jindikaw biss kif għandu jiġi interpretat il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari f'każijiet li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern.[3]

8. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami tal-gvern.[4] Il-Kumitat għall-Istandards ħa deċiżjoni dwar dan il-każ fit-28 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri l-2023. Il-membri tal-Kumitat reġgħu inqasmu tnejn favur u tnejn kontra r-rapport tal-Kummissarju,

---

[1] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf

[2] Ara l-motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2021/May/03/pr210819/pr210819a.pdf.

[3] Ara l-paragrafu 1.3 tal-linji gwida, li huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf

[4] Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker ibbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[5]

9. Sadanittant is-sottoskritt kien inħatar Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Fit-18 ta' Lulju 2023 huwa kiteb lill-Ispeaker bħala president tal-Kumitat għall-Istandards. F'din l-ittra, irrefera għaż-żewġ każijiet imsemmija fuq u qal:

> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[6]

10. Fl-istess ittra, is-sottoskritt irrakkomanda li l-linji gwida jingħataw ix-xejra ta' regoli u jiġu nklużi bħala addenda fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. B'hekk il-linji gwida jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom. Din ir-rakkomandazzjoni saret taħt l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, iżda l-Kumitat baqa' qatt ma ħa deċiżjoni dwarha.

11. Is-sottoskritt sab ksur ta' etika marbut ma' riklami pubbliċi f'sitt każijet. Tnejn minn dawn il-każijiet ingħalqu mis-sottoskritt taħt l-artikolu 22(5) tal-Att wara li rċieva apoloġija mingħand il-persuna investigata. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

---

[5] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf

[6] Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

12. Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, il-ministru konċernat saħansitra ħallas lura l-ispejjeż tar-riklam minn butu.[7]

13. Is-sottoskritt ma rċeviex apoloġija fl-erba' każi l-oħra, u għalhekk kellu jirreferihom lill-Kumitat għall-Istandards. Wieħed minn dawn il-każi ġie deċiż mill-Kumitat fis-7 ta' Novembru 2024. Il-membri tal-Kumitat għal darb'oħra vvotaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport, u l-Ispeaker ivvota kontra r-rapport. L-Ispeaker reġa' bbaża l-vot tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[8] Dan kien minkejja li fir-rapport tiegħu, is-sottoskritt qal li ma kellux għalfejn jirreferi għal-linji gwida biex jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika f'dan il-każ, għaliex din il-konklużjoni kienet evidenti meta jitqies il-kontenut tal-filmat relevanti.[9]

14. Ir-raba' u l-ħames każijiet[10] ġew deċiżi fl-istess laqgħa tal-Kumitat tat-12 ta' Jannar 2026. Wara li l-membri tal-Kumitat reġgħu vvotaw tnejn favur u tnejn kontra, l-Ispeaker ivvota kontra ż-żewġ rapporti. Hu rrepeta l-motivazzjoni tal-vot tiegħu, li sakemm il-linji gwida ma jiġux inklużi fil-kodiċi tal-etika rilevanti, ma jistax ikun hemm applikazzjoni ta' sanzjoni.

15. Is-sitt każ ġie sottomess lill-Kumitat f'Diċembru tal-2025, u għadu pendenti quddiemu.[11]

---

7 Rapport dwar il-każ K/045, maħruġ fl-14 ta' April 2023 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K045.pdf.

8 Traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta' Novembru 2024 (aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/132039/20241107_011d_sta.docx), paġni 2–5.

9 Ara l-paragrafi 19(a) u 29 tar-rapport dwar il-każ K/052 (4 ta' Marzu 2024), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-forStandards-case-report-K052.pdf.

10 Rapport dwar il-każ K/069, sottomess lill-Kumitat fl-24 ta' Marzu 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-forstandards-case-report-k069.pdf, u rapport dwar il-każ K/067, sottomess lill-Kumitat fil-11 ta' April 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k067.pdf,

11 Rapport dwar il-każ K/075, sottomess lill-Kumitat fl-10 ta' Diċembru 2025 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k075.pdf

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

16. Is-sottoskritt deherlu li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem ilpubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

17. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

> *2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]
>
> > *(d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment;* [...]
>
> *3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

18. Is-sottoskritt kiteb lis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fis-27 ta' Mejju 2025 u rreferilha l-ilment. F'din l-ittra s-sottoskritt irrefera għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u tal-linji gwida. L-ittra talbet il-veduti tal-Onorevoli Zerafa Civelli b'mod ġenerali dwar l-ilment, u talbitha tgħid ukoll:

(a) kemm sewa flus ir-riklam li huwa s-suġġett tal-ilment;

(b) jekk tikkonsidrax li l-apparenza tagħha fir-riklam kienet ġustifikata fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol uffiċjali ta' membru tal-eżekuttiv u l-irwol ta' politiku f'kapaċità personali; u

(d) jekk ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-ħlas għalih preżumibbilment ġie awtorizzat minn uffiċjal pubbliku.

19. L-Onorevoli Zerafa Civelli ma rrispondietx u għalhekk is-sottoskritt reġa' kitbilha fit-3 ta' Lulju 2025.

20. Is-sottoskritt ma rċieva l-ebda risposta mingħand is-Segretarju Parlamentari u għalhekk, fit-12 ta' Settembru 2025 kiteb lis-Sur Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali.[12] F'dik l-ittra s-sottoskritt inkluda kopja tar-riklam suġġett tal-ilment, u talab informazzjoni dwar l-infeq għal dan ir-riklam, kif ukoll jekk ġiex ippubblikat fuq l-inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

21. Fis-26 ta' Settembru 2025 wieġeb is-Sur Mahoney permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument B).** Is-Segretarju Permanenti ppreżenta ukoll kopja ta' fattura għall-ħlas li sar in konnessjoni ma' dan ir-riklam (annessa bħala **Dokument B1**). Fl-ittra tiegħu, is-Segretarju Permanenti qal li l-ammont li ntefaq kien ta' €1,000. Barra minn hekk, qal li l-artiklu:

> *nkiteb sabiex jitwassal tagħrif lill-pubbliku dwar ix-xogħol li jsir mill-Kunsilli Lokali bil-ħaddiema kollha tagħhom mis-Sindku sal-inqas ħaddiem b'risq il-komunità kollha fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Ħidma li fuq kollox issir b'konsultazzjoni mar-residenti, u spiss ukoll bil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari biex tgħin ma' dipartimenti u ażjendi oħrajn, billi jkunu qed jagħmlu użu minn fondi pubbliċi. F'din l-okkażjoni, billi kienet lejlet Jum il-Ħaddiem, l-1 ta' Mejju, hija ħassitha fid-dmir li tiltaqa' ma' ħaddiema ħalli turi r-rispett u r-rikonoxximent ta' xogħolhom tul sena, lejn il-komunitajiet tagħhom. Hija tal-opinjoni wkoll u jsegwi li: 'Il-Ministri għandhom jgħarrfu lill-pubbliku*

---

[12] Fit-28 ta' Mejju 2025 id-dekasteru tal-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali nbidel u sar il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali.

*u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat'.*

22. Fl-20 t'Ottubru 2025, is-sottoskritt bagħat ittra lill-Onorevoli Zerafa Civelli fejn taha aċċess għall-provi miġbura fil-perkors tal-investigazzjoni tiegħu. Fl-istess ittra talabha tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri in vista tal-provi skont kif titlob il-liġi.

23. Fl-14 ta' Novembru 2025, l-Onorevoli Zerafa Civelli wieġbet permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument Ċ**). F'din l-ittra, qalet li l-ammont imħallas għall-artiklu indikat mis-Segretarju Permanenti ta' €1,000, li ma jinkudix it-taxxa fuq il-valur miżjud, kien korrett, u għalhekk li l-ammont totali li ntefaq kien ta' €1,180. Qalet ukoll li tassoċja ruħha interament mal-osservazzjonijiet tiegħu li sottometta lis-sottoskritt. Fir-rigward tal-kontenut tal-artiklu, qalet li dan deher fil-gazzetta ftit jiem qabel Jum il-Ħaddiem, u li jiffoka fuq l-importanza tal-kunsilli lokali u l-ħaddiema tagħhom. Qalet ukoll li ta rikonoxximent lix-xogħol li jagħmlu dawn il-ħaddiema. Spjegat fit-tul il-karatteristiċi tal-artiklu li fl-opinjoni tagħha kienu rilevanti għall-ilment, primarjament li:

(a) il-kontenut tal-artiklu kien rilevanti peress li ffoka fuq ix-xogħol tal-kunsilli lokali, u li l-preżenza tagħha u r-riferenza għaliha fir-riklam kienu naturali għall-kontenut;

(b) il-kontenut kien leġittimu għaliex kien fih tagħrif dwar ix-xogħol tal-kunsilli lokali, rikonoxximent tax-xogħol tal-ħaddiema, u promozzjoni tal-governanza tajba u l-kooperazzjoni;

(ċ) il-paragrafi 3.5 u 3.6 tal-linji gwida ppubblikati minn dan l-Uffiċċju, li jgħidu li r-ritratti u l-ismijiet ta' ministri m'għandhomx jiġu nklużi f'riklami tal-Gvern, jużaw il-kelma "should" minflok "must";

(d) huwa sproporzjonat li jitqies li pparteċipat f'riklam tal-Gvern għaliex dehret f'ritratt ma' ħaddiema fil-kuntest ta' Jum il-Ħaddiema;

(e) hi approvat l-ispejjeż f'dan il-każ;

(f) ma hemm l-ebda kontenut partiġġjan fl-artiklu;

(g) l-ammont li ntefaq huwa proporzjonat tenut kont tas-suq tal-pubblikazzjonijiet Maltin u ma jistgħux jiġu deskritti bħala "eċċessivi" jew "stravaganti" (b'riferenza għall-paragrafu 3.8 tal-linji gwida).

24. Dan il-każ jirrappreżenta t-tieni ilment f'perjodu qasir dwar riklam li fih dehret l-Onorevoli Zerafa Civelli.[13] Iż-żewġ ilmenti jittrattaw dwar riklami separati, iżda l-allegazzjonijiet u l-bażi tal-ilmenti huma pjuttost simili.

25. Għalhekk, fit-18 ta' Frar 2026, is-sottoskritt reġa' kiteb lill-Onorevoli Zerafa Civelli fil-kuntest taż-żewġ ilmenti li rċieva dwar infiq ta' fondi pubbliċi għal pubbliċità personali, inkluż il-każ odjern. Irrefera għas-sottomissjonijiet tagħha tal-14 ta' Novembru 2025, u spjega li filwaqt illi jaċċetta li xogħol tal-gvern jista' jinkludi l-promozzjoni ta' skemi jew temi rilevanti, dan xorta ma jiskużax id-dehra tagħha fl-artikli suġġetti ta' dawn l-ilmenti. Infurmaha li d-dehra tagħha jirrappreżenta ksur ta' etika. Madankollu, ipproprona li ż-żewġ ilmenti jiġu riżolti b'apoloġija taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

26. Fit-8 t'April 2026, wara li ma rċieva l-ebda risposta għall-ittra tiegħu fejn talab apoloġija mingħand l-Onorevoli Zerafa Civelli, is-sottoskritt reġa' kitbilha u infurmaha li fin-nuqqas ta' risposta mingħandha, kien ser jgħaddi biex jikkonkludi l-każ tiegħu.

27. Fil-15 t'April 2026 wieġbet l-Onorevoli Zerafa Civelli permezz ta' email (annessa bħala **Dokument D**), fejn qalet li tibqa' tisħaq fuq is-sottomissjonijiet li kienet diġà għamlet, li ma kien hemm l-ebda kontenut partiġġjan jew riferenza għal isimha, u li dehret fir-riklam bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Gvern Lokali.

**Konsiderazzjonijiet**

28. Fl-ewwel ritratt li hemm inkluż f'dan l-artiklu, l-Onorevoli Zerafa Civelli tidher flimkien ma' individwu li preżumibbilment huwa ħaddiem mal-kunsill lokali tal-Isla, kif indikat mill-emblema fuq l-uniformi tiegħu. It-tieni ritratt juri vann bl-emblema tal-kunsill lokali tal-Bormla, flimkien ma' ħaddiem preżumibbilment tal-istess kunsill lokali. Iż-żewġ ritratti jistgħu jitqiesu bħala rilevanti għall-kontenut tal-artiklu biss għaliex juru żewġ ħaddiema ta' żewġ kunsilli lokali.

29. Is-sottoskritt huwa tal-opinjoni li l-għażla tal-ewwel ritratt, li mhuwiex ritratt żgħir, f'artiklu li l-Onorevoli Zerafa Civelli tgħid li ġie miktub dwar

13 Riferenza għall-investigazzjoni li saret in konnessjoni mal-każ numru K/074.

ħaddiema tal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex, kienet intenzjonata biex primarjament turi lill-Onorevoli Zerafa Civelli. Fir-rigward tal-kontenut tal-artiklu, il-kitba tirreferi għall-ħaddiema tal-kunsilli lokali b'mod limitat ħafna, u ma fihiex sustanza dwar jew eżempji konkreti tax-xogħol li jagħmlu, a kuntrarju ta' dak li qalet l-Onorevoli Zerafa Civelli fis-sottomissjonijiet tagħha. Wieħed jista' jinnota ukoll li ż-żewġ ritratti juru konnessjoni ma' żewġ lokalitajiet fid-distrett elettorali tagħha.

30. Is-sottoskritt ma jistax jaqbel mal-Onorevoli Zerafa Civelli fir-rigward tal-punt li qajmet dwar l-użu tal-kliem "*should*" minflok "*must*" fil-linji gwida. Il-kelma "*should*" xorta hija tassattiva. L-Onor. Zerafa Civelli stess tgħid fl-ittra tagħha li "*nifhem u nħaddan dejjem li l-etika hija tassattiva*", għalkemm tkompli billi tgħid li l-każ huwa "*sproporzjonat*".

31. Fir-rigward ta' dan il-punt, il-paragrafu 3.7 tal-istess linji gwida li ċċitat l-Onorevoli Zerafa Civelli jirrikonoxxi illi hemm ċerti ċirkostanzi fejn il-ministri u s-segretarji parlamentari jistgħu jidhru jew jissemmew f'publikazzjonijiet tal-Gvern. Dawn iċ-ċirkostanzi però ma japplikawx għar-riklam suġġett tal-ilment.

32. Fir-rigward tal-argument tal-Onorevoli Zerafa Civelli fejn tgħid li r-riklam ma affettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku għaliex hi approvat l-ispejjeż għall-pubblikazzjoni ta' dan ir-riklam, is-sottoskritt innota li l-fattura ippreżentata mis-Segretarju Permanenti ġiet iffirmata u ttimbrata mill-Kap tas-Segretarjat tal-Onorevoli Zerafa Civelli. Madankollu, il-pagament għal dan ir-riklam xorta kellu jiġi approvat minn impjegat tas-servizz pubbliku, għax inkella kienet tinkiser it-taqsima 7.1 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, li tgħid bl-aktar mod ċar li persuni ta' fiduċja m'għandhomx jeżerċitaw "*executive powers on government matters and personnel*".[14] Is-sottoskritt jifhem li din id-dispożizzjoni hija salvagward kontra l-abbuż ta' poter għal skopijiet politiċi, u għalhekk jinnota b'dispjaċir li s-Segretarju Permanenti stess – l-ogħla impjegat tas-servizz pubbliku fil-ministeru – iddefenda l-pubblikazzjoni ta' dan ir-riklam.

---

14 Dan il-manwal, maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, hu aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page. Ara l-paġna 123 tal-verżjoni kurrenti, datata 15 ta' Mejju 2026.

**Konklużjonijiet**

33. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jidhirlu li dan il-każ jirrappreżenta użu mhux xieraq ta' fondi pubbliċi; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku. Dan jinvolvi l-ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

34. Is-sottoskritt talab apoloġija mingħand l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli bl-għan li jikkonkludi l-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Ġaladarba ma ngħatatx apoloġija, dan ir-rapport qed jiġi sottomess lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont l-artikolu 22(3) tal-istess Att għall-konsiderazzjoni tiegħu skont l-artikoli 27 u 28 tal-Att.

35. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat fit-2 t'April 2019, dan l-Uffiċċju ser jinforma lill-Ilmentatur u lill-Onorevoli Alison Zerafa Civelli li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopji tiegħu. Huwa rakkomandat li:

(a) Il-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess ta' trasparenza; u

(b) Il-Kumitat jagħti bidu ghall-proċess imsemmi fl-artikolu 3(4) tal-Att biex il-linji gwida tat-2 t'Awwissu 2021 jiġu inkorporati fil-kodiċi ta' etika ministerjali, kif indikat fl-ittra tas-sottoskritt tat-18 ta' Lulju 2023.

36. It-twettiq tat-tieni rakkomandazzjoni sar aktar importanti fid-dawl tar-Regolament (UE) 2024/900 tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasparenza fir-riklami politiċi. Dan ir-regolament ġie adottat f'Marzu tal-2024 u beda jorbot lil kull pajjiż membru tal-Unjoni f'Ottubru tas-sena 2025. Skont dan ir-regolament, reklam politiku għandu jiġi identifikat b'mod ċar bħala tali, u għandu jiġi akkumpanjat minn avviż li jgħid fost affarijiet oħra kemm jiswa r-riklam u min ħallas għalih.[15]

[15] Ara https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/11/eu-introduces-new-rules-on-transparency-and-targeting-of-political-advertising/. Ir-regolament innifsu huwa aċċessibbli minn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202400900&qid=1744272335599.

37. Fil-fehma tas-sottoskritt, huwa possibbli li riklam tal-gvern li jagħti pubbliċità personali lil xi ministru jew segretarju parlamentari jitqies bħala riklam politiku skont ir-regolament. Dan jista' potenzjalment iwassal għal proċeduri kontra Malta minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regolament. Għalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-riklami tal-gvern jiġu regolati lokalment b'mod li ma jqumux aktar dubji dwar l-għan veru tagħhom.

38. Sakemm is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi fil-preżent, is-sottoskritt bi ħsiebu jkompli jinterpreta l-kodiċi ta' etika ministerjali fid-dawl tal-linji gwida f'każijiet li jinvolvu riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra mingħand l-Onorevoli Dr Karol Aquilina datata t-18 ta' Mejju 2025; |
| Dokument B | Ittra mingħand is-Sur Kevin Mahoney, datata s-26 ta' Settembru 2025; |
| Dokument B1 | Kopja tal-fattura għall-ħlas għar-riklam suġġett tal-ilment; |
| Dokument Ċ | Ittra mingħand l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli datata l-14 ta' Novembru 2025; |
| Dokument D | Email mingħand l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli datata l-15 t'April 2026. |

Dokument A

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

18 ta' Mejju 2025

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar reklam mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli**

Nhar il-Ħadd 27 ta' April 2025 f'paġna numru 2 tal-gazzetta Maltatoday ġie ppubblikat reklam li ġie mħallas minn fondi pubbliċi u li kopja tinsab mehmuża ma' din l-ittra.

Dan ir-reklam huwa fil-forma ta' artiklu ppubblikat bi ħlas li jinkludi ritratt kbir li fih tidher is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Fil-ġenb tal-artiklu tidher il-frażi "THIS IS A PAID COLLABORATION" liema frażi tikkonferma li sar ħlas biex ġie ppubblikat u għalhekk jikkostitwixxi reklam.

Kif m'għandix dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

M'għandix dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

> 2.3 *Inter alia*, government advertising may include:
>
> [...]
>
> (d) advertorials, that is to say articles or opinion pieces that include more content than a normal advertisement but are still placed against payment; and

m. [redacted] e. karol@karolaquilina.mt w. karolaquilina.mt

(e) sponsored interviews, features, and TV/radio/podcast spots and broadcast programmes in which the sponsor determines the interview questions or programme content

[...]

2.4 Communications that are normally published against payment, but which are not on any particular occasion, are still covered by these guidelines. These may include opinion pieces, features or video clips that are ostensibly carried without charge by media houses but are in fact part of a paid package.

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

[...]

3.10 Government advertisements and promotional material should carry official logos or otherwise make it clear that they have been produced by or for the government. This applies in particular to advertorials and sponsored interviews or programmes and any paid content. The public should be made aware that such articles have been paid for with public funds. Government-sponsored publications should carry a declaration to that effect.

Fil-fehma tiegħi r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

Ippermettili nfakkrek u nenfasizza miegħek li fir-rapport tal-Każ Nru K/045 dwar pubblikazzjoni ta' reklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana, inti kont ikkonkludejt hekk:

"24. Jekk ministru *jidher* f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

KAROL AQUILINA
Membru Parlamentari

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.".

Minkejja d-diversi deċiżjonijiet tiegħek dwar każijiet simili, jidher li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari qegħdin jibqgħu jagħmlu reklami għalihom nfushom imħallsin minn fondi pubbliċi bi ksur ċar u sfaċċat tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

Karol Aquilina
Shadow Minister għall-Ġustizzja

# The backbone of our communities



THE local councils' everyday role within the towns and villages of Malta and Gozo is a relevant, positive reality that complements, step by step, the country's steady progress and development. It is a role based on good governance, efficiency, creativity, and the love of all that identifies us as Maltese and as believers in the principles of unison, diversity, and inclusion.

The very presence of local councils is a reflection of the wishes and ambitions of our communities, with their customs, traditions, and unique attractions. They comprise a large variety of persons, projecting a clear and pluralistic picture of the nation and its targets and aspirations in a world that looks ahead rather than just holding on to the past.



**The backbone of our communities, local councils depend on their elected representatives, employees, and volunteers in sustaining and enhancing the quality of life for all their residents through a just, genuine and transparent manner.** The launching and implementation of new creative and infrastructural projects contribute to an ongoing understanding of the need for a keener sense of a vibrant and united community.

**Nothing can be visualised and accomplished without the dedicated contribution of all those involved in the everyday work of local councils, from mayors, councillors, and executive secretaries to clerks, messengers, drivers, public cleansing and maintenace service providers.** Together, they undertake the huge amount of work required in the five-year implemenation of their electoral manifestos, making of them a reality for the benefit of their communities.

The whole local council set-up depends on the stength and reliability of all those involved in the process of local government. Local councils across these islands offer an eventful and fruitful commitment to their localities in constant liaison and consultation with residents and local organisations.

The unity and efficacy of local councils are essential in the implemenation of common objectives agreed upon between councils and their residents. It is why the mergence of all political colours in the process of decision-making is always the ideal avenue towards the implementation of electoral pledges as approved by a majority of voters in the June 2024 elections.

The mergence of all political colours in most local councils in Malta and Gozo has, in fact, already paved the way for a fruitful and highly satisfying standard of services and social and cultural enrichment within their communities. **The Parliamentary Secretariat for Local Government, will always be there to help sustain and assist whenever and wherever needed.**

In rare cases of discord, compromise is always the answer. Unity despite political or strategic differences often leads to success in all that is offered and implemented for the benefit of all sectors within our communities. Ideas and creativity are the fundamentals for local councils intent on carrying out their work in an ambiance of boldness and optimism.

**Behind every service given and novelty launched with success by local councils, there is an army of elected representatives, workers and dedicated volunteers, all of them ready and willing to serve their communities**. As we stand on the cusp of this year's highly significant May Day celebrations, they certainly deserve our gratitude and support.

THIS IS A PAID COLLABORATION

Dokument B

MINISTERU GĦALL-KULTURA, ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11 Triq San Pawl
Valletta VLT 1210
Malta

26 ta' Settembru 2025

Għażiż Kummissarju,

Nagħmel referenza għall-ittra li rċevejt mingħandek datata it-12 ta' Settembru 2025.

L-ilment li rċevejt jirreferi għall-artiklu ippubblikat bi ħlas fil-ġurnal Malta Today tas-27 ta' April 2025 fejn qed jigi allegat ksur ta' etika għaliex dan l-artiklu qed jitqies bħala riklam imħallas minn fondi pubbliċi.

Inqis li ma seħħ l-ebda ksur ta' etika, għaliex:

**a. Jekk l-artiklu msemmi ġiex ippubblikat fuq l-inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali;**

L-artiklu msemmi nkiteb sabiex jitwassal tagħrif lill-pubbliku dwar ix-xogħol li jsir mill-Kunsilli Lokali bil-ħaddiema kollha tagħhom mis-Sindku sal-inqas ħaddiem b'risq il-komunita` kollha fl-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Ħidma li fuq kollox issir b'konsultazzjoni mar-residenti, u spiss ukoll bil-prezenza tas-Segretarju Parlamentari biex tgħin ma' dipartimenti u aġenzi oħrajn, billi jkunu qed jagħmlu użu

minn fondi pubbliċi. F'din l-okkażjoni, billi kien lejlet Jum il-Ħaddiem, l-1 ta' Mejju, hija ħassitha fid-dmir li tiltaqa' ma' ħaddiema ħalli turi r-rispett u r-rikonoxximent ta' xogħlhom tul sena, lejn il-komunitajiet tagħhom. Hija tal-opinjoni wkoll u jsegwi li: *Il-Ministri għandhom jgħarrfu lill-pubbliku u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat.*

**b. Fl-affermattiv, tgħidli kemm swiet il-pubblikazzjoni tal-artiklu in kwistjoni;**

Dan l-artiklu ġie jiswa €1,000.

41, PALAZZO LUCIA, TRIQ MERKANTI, VALLETTA
TEL: 25584900

c. **Tipprovdili kopja ta' kwalunkwe fatturi u records ta' ħlasijiet li saru mill-Ministeru tiegħek in konnessjoni mal-pubblikazzjoni ta' dan l-artiklu.**

Mehmuż ma' dan il-komunikat għandek issib kopja tal-fattura tal-ħlas.

Għaldaqstant, umilment qed nitolbok tifhem li dan l-artiklu ma nkiteb bl-ebda intenzjoni oħra għajr milli jitwassal it-tagħrif dovut lil kull ċittadin, u b'rispett lejn il-ħaddiema kollha.

Inselli għalik

Kevin Mahoney
Segretarju permanenti

Mehmuz

41, PALAZZO LUCIA, TRIQ MERKANTI, VALLETTA
TEL: 25584900

Dokument B1

# MEDIA TODAY CO LTD

Vjal ir-Rihan
San Gwann SGN9016
Malta

Tel:+356 21382741/2/3 Fax:+356 21381992
VAT Reg. No: MT16632722

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS & LOCAL GOVERNMENT
30,
OLD TREASURY STREET
VALLETTA

**Date** 27 Apr 2025

**A/C Code** MIN
**Sys Ref** 00149378
**Int Ref** IN 045681
**Ext Ref** AF

**Page** 1

## Invoice 045681

| Details | EUR | VAT % |
|---|---|---|
| MALTATODAY - 27.04.2025 - ARTICLE - REF: 1000422 - BO: 40192002 - ROSANNE - 12 OF 12 | 1,000.00 | 18.0 |
| Subtotal | 1,000.00 | |
| VAT Amt | 180.00 | |
| **TOTAL EUR** | **1,180.00** | |

| VAT Rate | Amount | VAT Amount |
|---|---|---|
| 18.0 | 1,000.00 | 180.00 |
| | **1,000.00** | **180.00** |

## MEDIA TODAY CO LTD

Bankers: Bank of Valletta plc
Bank Address: Saqqajja Sqr, Rabat, Malta
Bank Swift Code: VALLMTMT
IBAN Number: MT71 VALL 2201 3000 0000 4001 3525 383

Terms of payment, 30 days. 8% Interest will be charged if not settled within our terms of Payment. Failure to effect payments when due will constitute a default. In the event of a default, the company (MEDIATODAY Co. Ltd.) shall have the right to refer such defaults to a credit reference agency/ies e.g. Creditinfo Malta for registration in it's database.

Francis Galea
Head of Secretariat
Parliamentary Secretariat for Local Government

Dokument Ċ

GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

**Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika**

**11,**

**Triq San Pawl,**

**Valletta,**

**VLT 1210**

**14 ta' Novembru, 2025**

**<u>Rigward: Difiza fir-Rigward tal-Ilment K/079 – riklam imħallas minn fondi pubbliċi – ittra tal-Kummissarju datata 27 ta' Mejju, 2025.</u>**

**Għażiż Kummissarju,**

Sejra hawn taħt b'riferenza għall-ilment u l-ittra tiegħek fis-suġġett inressaq l-osservazzjonijiet umli tiegħi dwar il-punti hemmhekk sollevati.

**Introduzzjoni u Kuntest Ġenerali**

Fil-każ preżenti, l-ilment jallega li l-artikolu ppubblikat fil-*MaltaToday* tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2025 jikkostitwixxi ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, in konsiderazzjoni mal-paragrafi 2.3(d) u 3.5 tal-Linji Gwida dwar Riklami u Materjal Promozzjonali tal-Gvern.

Issa l-artikolu in kwistjoni kien jikkonsisti f'artikolu ppubblikat bi ħlas fil-gazzetta MaltaToday fis-27 ta' April 2025. Il-ħlas totali għal dan l-artikolu kien ta' €1,000 eskluż il-VAT, jiġifieri total ta' €1,180 inkluż il-VAT. Dan kif indika ben tajjeb is-Segretarju

Permanenti fl-ittra tiegħu tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2025, ma' liema osservazzjonijiet jiena nassoċja ruħi nterament ukoll.

L-artikolu kien ippubblikat ftit jiem qabel l-Ewwel (1) ta' Mejju, Jum il-Ħaddiem, u kien iffukat fuq l-importanza tal-Kunsilli Lokali u x-xogħol li jwettqu l-uffiċjali eletti u l-impjegati kollha tagħhom, minn sindki u kunsillieri sal-persuni impjegati f'kull livell.

Il-kontenut tal-artikolu enfasizza senjatament il-valuri tal-governanza tajba, l-effiċjenza, il-kreattività, u l-imħabba lejn il-komunità. Fost aktar, irrikonoxxa wkoll il-kontribuzzjoni dedikata tal-ħaddiema kollha involuti fil-ħidma tal-kunsilli lokali u ta rikonoxximent xieraq lix-xogħol tagħhom.

Fir-risposta tiegħu datata s-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2025, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Kultura, Artijiet u l-Gvern Lokali ċċara l-pożizzjoni tiegħu li ma sar l-ebda ksur ta' etika.

L-argumenti prinċipali li sejra naċċenna ulterjorment għalihom huma dawn:

**1. Pubblikazzjoni Fuq l-Inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali**

Jiġi l-ewwel u qabelxejn misħuq illi l-artikolu nkiteb sabiex jitwassal tagħrif lill-pubbliku dwar ix-xogħol li jsir mill-Kunsilli Lokali bil-ħaddiema kollha tagħhom. Dan jinkludi x-xogħol li jsir b'konsultazzjoni mar-residenti u d-Dipartimenti r-relattivi.

F'din l-okkażjoni, billi kien lejlet Jum il-Ħaddiem, l-1 ta' Mejju, ħassejtni fi dmir li niltaqa' ma' ħaddiema u nuri rispett u rikonoxximent lejn ix-xogħol tagħhom tul is-sena lejn il-komunitajiet tagħhom. L-irwol tiegħi f'dan l-ambitu b'hekk ma jista' qatt jiġi evalwat f'iżolament mir-responsabilita' li għandi ċioe' li nuri rispett lejn dawk li jaħdmu taħt l-umbrella tal-Ministeru tagħna iżda senjatament lejn il-ħaddiema u l-popolat li l-Kunsilli kollha fi ħdan dawn il-gżejjer jirrappreżentaw.

B'dan tenut, għalhekk ser nispjega kif il-karatteristiċi tal-artikolu in meritu kif ippubblikat ma jiksrux dak dettat mil-linji gwida fuq ċitata:

- **Il-kontenut huwa rilevanti u jikkontribwixxi għall-għanijiet leġittimi**: L-artikolu kien iffukat fuq ix-xogħol tal-kunsilli lokali u l-ħaddiema tagħhom, fit-

tema ta' Jum il-Ħaddiem. Il-preżenza tiegħi bħala s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali f'dan il-kuntest hija b'hekk waħda innata u naturali għall-istess kontenut.

- **Il-kontenut għandu jinqara in relazzjoni mad-diċitar kollu**: L-artikolu kien ta' madwar 600 kelma u kien jittratta prinċipalment ix-xogħol tal-kunsilli lokali u l-importanza tagħhom. Ir-referenza għalija *qua* Segretarju Parlamentari kienet inkorporata fl-artikolu b'mod li ma kenitx tiddomina l-messaġġ ġenerali, iżda kienet tagħti kontribuzzjoni fil-kuntest tal-istituzzjoni li hi responsabbli għaliha.
- **L-ispiża kienet minima u proporzjonata**: Il-ħlas ta' €1,000 (€1,180 inkluż il-VAT) għal artikolu ta' dan id-daqs jista' jiġi kkunsidrat bħala spejjeż xierqa u proporzjonati meta mqabbel ma' każijiet preċedenti fejn l-ispejjeż kienu sostanzjalment ogħla.
- **Il-linji gwida wkoll għandhom jinqraw fil-kuntest** – hawnhekk jiena nżid illi fl-artikolu 3 senjatament l-artikoli 3.5 u 3.6 jużaw il-kelma "should" mhux "must". Għalkemm nifhem u nħaddan dejjem li l-etika hija tassattiva sa fejn għandha dejjem torbot l-aġir ta' Ministru jew persuni definiti fil-linji gwida, nemmen li huwa ferm sproporzjonat li fuq il-livell tiegħi bħala Segretarju Parlamentari (differentament minn Ministru fejn l-aspett politiku jaf ikun iktar impellenti) u tenut dak kollu li għadt hawn fuq, nitqies li qegħda parteċipi f'riklam tal-Gvern biss għaliex nġbidt mal-ħaddiema fil-kuntest ta' Jum il-Ħaddiem. La d-diċitura tal-artikolu, u wisq inqas r-ritratti nfushom (li l-anqas indikaw ismi tant kemm l-intiża ma kinitx waħda promozzjonali) ma jissuġġerixxu fi kwalunkwe ħin li jiena jew il-Partit għandna niġu promossi mill-ambitu politiku. Għal dan, ċerta li l-Kummissarju għandu jara riflessjoni fl-artikolu ma' dak tenut mill-artikolu 1 tal-linji gwida, kif ser nispjega hawn taħt.

### 3. L-Għan Leġittimu fl-Interess Pubbliku

Il-paragrafu 1.10 tal-Linji Gwida jirrikonoxxi li l-Gvern *"has a wide discretion in the use of public funds to fulfil its duty to communicate with the public, in order to serve purposes such as the following: to provide information about matters of public interest"*.

L-artikolu in kwistjoni nibqa' nisħaq f'dan l-ambitu li kien pubblikat għal għan leġittimu u b'mod vinkolanti mal-interess pubbliku, ċioe' kien fih:

- **Tagħrif dwar ix-xogħol tal-kunsilli lokali**: Iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jkunu infurmati dwar il-funzjoni u l-importanza tal-kunsilli lokali fil-ħajja komunitarja tagħhom.
- **Rikonoxximent tax-xogħol tal-ħaddiema**: F'perjodu li jikkombaċi ma' Jum il-Ħaddiem, il-Gvern kellu interess leġittimu li juri rispett u rikonoxximent lejn il-ħaddiema kollha involuti fil-gvern lokali, minn dawk eletti sal-persuni impjegati fil-livelli kollha.
- **Promozzjoni tal-governanza tajba u l-kooperazzjoni**: L-artikolu kien jenfasizza l-valuri tal-effiċjenza, il-kreattività, l-unità u l-inklużjoni, li huma għanijiet leġittimi tal-Gvern f'soċjetà demokratika.

## 4. L-Osservanza tal-Prinċipju tal-Imparzjalità tas-Servizz Pubbliku

L-allegazzjoni li r-riklam jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku (artikolu 7.4) hija respinta nterament minni, li, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva tiegħi, ma rajt ebda' skonformita' għall-ħruġ tal-ispejjeż għall-artikolu wara li evalwajt l-għan u l-kontenut tiegħu.

Skont il-prinċipji stabbiliti fil-każ K/045, il-Kummissarju nnota li nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku jiġri *"billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni"*. Madankollu, f'dan il-każ, jiena approvajt l-ispejjeż mhux għal riklam personali tiegħi, iżda għal artikolu li l-kontenut tiegħu kien orjentat lejn l-informazzjoni pubblika u r-rikonoxximent tax-xogħol tal-kunsilli lokali.

Infakkar għalhekk li l-uffiċjali pubbliċi għandhom id-diskrezzjoni li japprovaw spejjeż għal materjal informattiv u promozzjonali meta dan ikun ġustifikat fl-interess pubbliku. F'dan il-każ, l-approvazzjoni kienet konformi mar-responsabbiltajiet amministrattivi tiegħi u ma tatx lok għal abbuż fis-servizz pubbliku.

**5. Il-Prinċipju tas-Separazzjoni tal-Irwoli (Artikolu 4.9)**

L-artikolu 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika jitlob li l-ministri "*għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku*".

Fuq dan ngħid li l-artikolu in kwistjoni ma kien fih ebda kontenut ta' natura partiġġjana. La sar referenza għal partit politiku, la ntużaw xi *slogans* jew immaġini assoċjati ma' partiti politiċi, la saru referenzi għal *siti onlajn* ta' politiċi jew pagni ta' midja soċjali ta' natura partiġġjana u wisq inqas ġejt promossa jiena ladarba l-anqas issemmejt b'ismi! Il-kontenut kien purament informattiv u ta' rikonoxximent lejn ix-xogħol tal-kunsilli lokali u tal-ħaddiema tagħhom, kif ġja' tennejt fuq.

B'hekk nerġa' nisħaq illi jiena dehert fl-artikolu mhux bħala deputata jew bħala membru ta' partit politiku, iżda fl-irwol uffiċjali tiegħi bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Gvern Lokali. Din id-distinzjoni hi fundamentali u essenzjali biex wieħed jifhem li ma saret ebda konfużjoni bejn rwoli differenti.

**6. Il-Prinċipju tad-Diliġenza u l-Użu Xieraq ta' Fondi Pubbliċi (Artikolu 5.3)**

L-artikolu 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika jitlob li l-ministri "*għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi*".

Il-prinċipju ta' proporzjonalità hu fundamentali fid-determinazzjoni ta' jekk hemm ksur ta' dan l-artikolu. Fl-istess każ K/045 kif fuq ċitat, il-Kummissarju Azzopardi nfatti nnota li l-każ ma kienx " *ta' natura gravi*" għar-rigward l-ispejjeż ta' €83.90, meta mqabbel ma' każijiet oħra fejn l-ispejjeż kienu €7,012.98 u €16,700 rispettivament.

F'dan il-każ, l-ispejjeż ta' €1,000 (€1,180 inkluż il-VAT) għal artikolu ta' madwar 600 kelma ppubblikat f'gazzetta nazzjonali għandhom jitqiesu bħala spejjeż xierqa u proporzjonati. Dan l-ammont jirrifletti s-suq tal-pubblikazzjonijiet Maltin u ma jistgħux jiġu deskritti bħala "eċċessivi" jew "stravaganti" skont il-paragrafu 3.8 tal-Linji Gwida.

Barra minn hekk, il-messaġġ kkomonikat mill-artikolu kien ta' rilevanza suffiċjenti biex jiġġustifika l-fondi pubbliċi li nħarġu, kif jgħid il-paragrafu 3.9 tal-Linji Gwida.

Il-Kummissarju, fil-każ K/045 ukoll stabbilixxa test ċar għall-allegazzjonijiet ta' użu ħażin ta' fondi pubbliċi permezz ta' riklami li jinkludu ministri. Huwa qal:

*"Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku."*

Madankollu, f'dan il-każ:

- **L-artikolu ma kienx "maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern"**;
- **Ma kien hemm l-ebda "gwadann politiku jew personali"**: ma kien hemm ebda miżura partikolari li jiena xtaqt nieħu l-kreditu għaliha f'dana l-artikolu;
- **Ir-ritratt u r-referenza għalija kienu limitati**: Meta mqabbel mal-kontenut kollu tal-artikolu, ir-referenza għalija *qua* Segretarju Parlamentari ma kinitx dominanti jew eċċessiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, għalhekk nissottometti li l-allegazzjonijiet tal-ilment ma humiex sostnuti la mil-fatti iżda wisq inqas mil-liġi applikabbli.

Għalhekk, jiena tal-umli opinjoni li l-ilment għandu jiġi miċħud u li l-każ għandu jitqies bħala wieħed li ma fihx ksur tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari jew tal-Linji Gwida dwar Riklami u Materjal Promozzjonali tal-Gvern.

Grazzi

Alison Zerafa Civelli

Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali

Dokument D

**From:** Zerafa Civelli Alison 1 at MCLG
**To:** Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life; Galea Francis at MCLG
**Subject:** RE: Każijiet K/074 u K/079 – Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** Wednesday, 15 April 2026 14:10:44

**This email comes from outside the organization.**

Do not click links or open attachments unless it is an email you expected to receive.

Ghaziz Sur Kummissarju,
Prim Imhallef Emeritu,

Nirreferi ghall-ittra tieghek datata 8 ta' April, 2026 b' riferenza ghall-kazijiet fis-suggett.

Nirringrazzjak tal-komunikazzjoni tieghek u nikkonferma li kkunsidrajt bir-reqqa l-kontenut taghha.

Nibqa' nishaq fuq dak li diga ssottomettejt u nfakkar b' mod ahhari li r-referenzi fl-artikoli msemmijin ma kellhom l-ebda kontenut ta' natura partiggjana u ma kien hemm ebda referenza ghal ismi.

Jiena dehert fl-artikolu fl-irwol tieghi bhala Segretarju Parlamentari responsabbli ghall-Gvern Lokali. Ghalhekk nirritjeni li l-Kummissarju Prim Imhallef Emeritu jista' gentilment jghaddi ghar-rapport finali tieghu.

Nirringrazzjak,

Alison Zerafa Civelli
Parliamentary Secretary
Parliamentary Secretariat for Local Government

t +356 22264810 e alison.zerafa-civelli.1@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT
185, MELITA STREET, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*